MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

7 LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 5.19

Il-Hamis 16 ta' Mejju 2019

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1 Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, il-Kalkara fl-4 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Viċi Sindku
Paul Bongailas - Kunsillier
Maria Sultana- Kunsilliera
Vince Bongailas - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

***Ma Kienx hemm***

**ASSENTI**

***Ma Kienx hemm***

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Elaine Caruana – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Speranza Chircop ippresjediet il-laqgħa.

## 5.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

*Ma kienx hemm*

## 5.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

5.2.1 Il-Minuti ġew riveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u kulħadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultajiet jew punti oħra li kellhom jiġu mqajjma dwar is-Seduta li saret f 'April 2019.

Il-Minuti ġew moqrija w approvati fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Kunsilliers s-Sinjura Maria Sultana

## 5.3A 1 Komunikazzjoni mis-Sindku : Punti mis-seduta preċedenti ( Seduta 4.19)

(Punt 4.4B (1) Mis-seduta preċedenti )Is-Sur Pawlu Bongailas staqsa kienx hemm xi żviluppi jew xi tip ta' risposta formali fuq il-kwistjoni tad-devoluzzjoni tal-berġa u l-librerija.

Is-Sindku ikkonfermat illi hi kienet ilha tibgħat emails lill-għola awtoritajiet fuq din il-kwistjoni biex dejjem tfakkar li din is-sitwazzjoni hija waħda ta' urġenza u importanza kbira. Hija qalet ukoll illi kien hemm xi risposti mingħand Ministri kif ukoll mingħand Onorevoli Prim Ministru fejn saħaq li kien ser ikun qiegħed jiċċekja dwar il-proċess ta' din il-kwistjoni.

5.3 B - Korrespondenza

1 Il-Kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni li tintbgħat ittra formali lil 'integration unit' flimkien mall-Kunsill Lokali Bormla biex jipprova jinġieb fondi speċjali biex tkun tista' tiġi immantenuta website li tinkludi l-Cottonera u l-Kalkara

mimlija informazzjoni fuq il-lokalitajiet u affarijiet prezenti bħala parti mill-integrazzjoni soċjali.

2 Il-kunsill qabel unanimament illi l-Kunsill Lokali Kalkara għandu jieħu sehem fit-tifkira tal-Jum Dinji ta' donaturi tad-demm billi jixgħel l-uffiċini tal-Kunsill Lokali Kalkara bl-aħmar bejn l- 1 ta' Ġunju u l-14 ta' Ġunju bħala sinjal ta' kommemorazzjoni.

3 Is-Seg Eżek preżentat ammont ta' kwotazzjonijiet li hija kisbet biex jinxtara laptop ġdid mill-Kunsill fejn ser ikun qed jintuża l-iktar minnha dan minħabba l-fatt illi dak li qed jiġi użat fil-preżent kien wieħed antik u qed tibża' li ser jieqaf mil-lum għal għada. Dan l-istess laptop ser ikun qed jintuża wkoll mid-dar privata tagħha dan wara li l-Kunsill tagħha l-permess tagħmel hekk f'seduti preċedenti meta hi ser tkun qed taħdem anke siegħat mid-dar.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar ix-xiri ta' laptop hekk kif tiddeċiedi li hu l-aħjar is-Seg Eżek minħabba li ser tkun hi li ser tużah.

4 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop ippreżentat draft tal-management reply li ser tkun qed tintbgħat lid-dipartiment awdituri u l-NAO bħas-snin preċedenti hekk kif titlob il-liġi wara li sar l-awditjar għas-sena 2018.

Il-Kunsill approva unanimament din l-ittra filwaqt li ġiet iffirmata kemm mis-Sindku kif ukoll mis-Seg Eżek waqt din is-seduta. Tajjeb li wieħed jgħid li din l-ittra ġiet ippreparata mill-accountants tal-istess Kunsill kif ukoll mis-Seg Eżek flimkien biex tinkiteb bl-aħjar mod possibli.

5. Il-Kunsill ma qabilx ma' proposta / suġġeriment ta' persuna biex isiru parkeġġi n-naħa tal-housing estate li hemm fil-viċinanzi ta' Triq is-Sibi dan il-għaliex l-akkwata hija waħda ristretta hekk kif inhi, fejn bħalissa r-residenti tal-binjiet jirranġaw bejniethom biex jipparkjaw. La darba jsiru l-parkeġġi mpinġijin mal-art l-akkwata ser tiġi waħda aktar ristretta fil-verita' dan il-għaliex iridu jiġu mpinġijin skond il-kejl uffiċjali ta' TM .

6 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop ressqet talba mingħand sid ir-Rinella tennis club fejn nhar il-Ħadd tal-festa wara l-marc ta' filgħodu xtaq jagħmel avveniment in-naħa tiegħu li jinkludi dj, ikel, imwejjed u siġġijiet mingħajr ma' jagħlaq l-ebda triq.

Il-Kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni li jsir dan imbasta li r-regoli kollha jkunu qiegħedin jiġu ssalvagwardjati kemm mill-Kunsill kif ukoll mill-pulizija. Is-Seg Eżek ser tkun qed tiċċekja mall-pulizija r-regoli tal-festa xi jgħidu qabel ma' jinħareġ il-permess formali għal dan l-avveniment.

7 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop preżentat talba mingħand resident li joqgħod ġewwa Triq is-Sienja fejn qed titlob parkeġġ ta' mc bay fl-akkwata mmarkata fuq is-site plan murija waqt dan il-punt.

Il-Kunsill qabel li l-ewwel qabel xejn tajjeb li jkollna gwida mill-awtorita' mutur kif għandu dritt jipparkja jekk għandux dritt jipparkja u jieħu parkeġġ normali ta' karozza jew inkella mġenneb biex iħalli spazju għal karozza. Fuq nota oħra l-Kunsill ta opinjonijiet differenti kif qiegħed jista' jżied parkeġġ ta' mutur mingħajr ma jintilef parkeġġ ta' karozza normali ħabba li f'din it-triq hemm nuqqas ta' parkeġġ serju. Is-Sur Vince Bongailas qal li parkeġġ ta' mutur jista' jiġi approvat fil-biċċa vojta quddiem it-taraġ li jagħti għal Triq San Mikiel, filwaqt li s-Sur Bruno saħaq illi l-istess parkeġġ ta' mutur jista' jiġi mpinġi fejn tneħħa parkeġġ milux fil-ġemb għaliex mutur mhux hajtellef lis-sid tal-garaxx għalfejn tneħħa l-parkeġġ primarjament milli joħroġ.
Dan kollu ser ikun qed jintbgħat lil TM għal gwida teknika minn naħa tagħhom.

8 Il-Kunsill qabel unanimament illi l-bażi tal-arblu li tqaċċat bil-maltemp fi Triq Marina qabel ma' tidħol lejn ir-regatta għandha titneħħa u tingħalaq biex jitneħħa l-periklu primarjament. L-istess Kunsill qabel illi dan m'għandux jiġi replaced minħabba l-fatt illi f'din iż-żona hemm dawl biżżejjed li apparti minn hekk mal-proġett ta' riġenerazzjoni kull arblu li hemm ser ikun qed jinqala' u jinbidel għal aħjar allura din tkun spiża fil-vojt għal istess Kunsill.

9 Is-Seg Eżek spjegat u kkonfermat dak li diġa' kien ġie diskussa f'seduti preċedenti rigward il-maternity leave tagħha fejn hi bil-liġi ser tkun qed taħtar deputat Segretarju Eżekuttiv għal affini ta' liġi u jekk allaħares qatt ma tkunx f'saħħita jew jinqalaw xi kumplikazzjonijiet. Dan id-deputat seg.ezek. ikun qed imniżżel bħala xi ħaġa formali bl-approvazzjoni tal-Ministru hekk kif hemm bżonn through id-dipartiment tal-kunsilli.

Il-Kunsill qabel unanimament mas-suġġeriment tas-Seg Eżek għal ħatra tad-deputat li ser ikun Duncan Hall bil-kunsens tiegħu li diġa' ġie miksub minn naħa tiegħu mas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Kalkara.

10 Is-Sinjura Speranza Chircop ressqet ittra quddiem il-Kunsill minn naħa taċ-'chairman' tal-Fondazzjoni Wirt Artna fejn din il-persuna qed titlob il-Kunsill

għan-'no objection' tiegħu biex jintużaw fondi minn naħa tal-planning biex tiġi rrestawrata parti mill-forti li taqa' taħt ir-responsabbilta' ta' din il-Fondazzjoni.

Il-Kunsill qabel illi qabel jagħti n-'no objection' tiegħu rigward l-applikazzjoni taħt dawn il-fondi wieħed għandu jiċċekja jekk humiex l-istess fondi li l-Kunsill għandu fuq ismu għax fl-eventwalita' li jkun hekk wieħed irid jerġa' jiddiskuti din il-materja.

Fuq nota oħra s-Sinjura Speranza Chircop issuġġeriet illi lic-'chairperson' tal - Fondazzjoni għandu jkun mgħarraf bil-fondi u skemi li joħorġu l-Gal Xlokk, fejn il-Kunsill kien ħallas miżata biex jibbenefikaw minn dawn il-fondi NGOS u fondazzjonijiet madwar il-Kalkara biex isiru xogħolijiet ta' restawr fil-verita'. Il-Kunsill qabel mas-suġġerimenti tas-Sinjura Sindku msemmi hawn fuq.

11 Is-Sinjura Sindku Speranza infurmat il-Kunsill illi fil-jiem li ġejjin ser tkun qed tintbgħatilom ċirkulari fuq fondi li nħarġu mid-dipartiment għad-drittijiet tal-annimali fejn kull kunsill ser ikollu ċ-ċans japplika għal xi proġett fil-lokal għal benefiċċju tal-qtates li jgħixu barra u l-volontarji li jieħdu ħsiebom. Is-Seg Eżek diġa' kienet għarrfet il-konsulent tal-Kunsill b'dawn il-fondi fejn fil-preżent diġa' kien qiegħed jaħdem dwar xi proposti innovativi, pero tajjeb li l-kunsilliera jagħtu input u s-suġġerimenti tagħhom biex wieħed ikun jista' japplika u jiffinalizza l-applikazzjoni li ser tkun qed tintbgħat lid-dipartiment ikkonċernat.

12. Is-Sinjura Sindku ppreżentat ittra flimkien ma' pjanti li intbgħatu l-Kunsill minn naħa tal-planning authority fuq żvilupp li jrid isir in-naħa ta' Triq il-Ġenista u Triq il-luzzu. L-applikazzjoni intefgħet il-'planning Authority' mingħand individwu li għandu sit għal-iżvilupp f'dawn l-inħawi.

Il-kunsill qabel unanimament illi għandha tissejjaħ laqa' mal-uffiċjali tal-planning biex wieħed jispjega ċar x'inhi l-kwistjoni minħabba l-fatt illi ħadd mill-membri tal-Kunsill m'hu tekniku jew perit li jista' jifhem eżatt x'ser ikun qiegħed jiġri b'dan l-iżvilupp. Is-Seg Eżek ġiet mitluba tagħmel laqa' mal-awtorita' u tagħti spjegazzjoni ta' din il-kwistjoni qabel ma' l-Kunsill jagħmel il-kummenti tiegħu formalment fuq dan il-każ.

C Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill talba li saritila mingħand residenti li joqgħodu fl-inħawi ta' Santa Liberata biex tiżdied 'traffic calmer' fil-biċċa fejn m'hemmx residenzi jiġifieri bejn il-kunvent u kif taqbes Triq il-Progress minħabba l-abbużi ta' sewqan eċċessiv. Dan is-suġġeriment ser ikun qed jintbgħat lil TM għal konsiderazzjoni tagħhom peress li t-triq taqa' taħtom dirett.

D Is-Sinjura Sindku ġabet quddiem il-Kunsill talba ta' lampa ġdida ġewwa Triq il-Ġenista fit-tarf tan-naħa ta' ġewwa tat-triq fejn blokka li mbniet milux. Hija kellha tiċċekja mal-amministrattur tal-blokka biex titweħħel arm mal-faċċata tal-blokka stess minħabba l-fatt illi biex jitweħħel pole fl-inħawi ser ikun qed jiġġenera spiża fi ħdan il-Kunsill. Din l-ispiża trid tkun qed tiddaħħal fil-budget tal-Kunsill għas-sena 2020.

E Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop irringrazzjat formalment il-kunsilliera preżenti waqt din is-seduta kif ukoll lis-Seg Eżek , l-istaff ġewwa l-uffiċċju amministrattiv kif ukoll il-ħaddiema kollha tal-manutenzzjoni fi ħdan l-istess Kunsill tax-xogħol siewi li huma jagħmlu ta' kuljum. Irringrazzjat il-kulħadd bħala l-aħħar seduta uffiċjali tal-Kunsill Lokali Kalkara ta' din il-leġislatura.

F. Is-Sinjura Speranza Chircop riedet li formalment tgħaddi petizzjoni li diġa' kienet intbgħatet minn naħa tas-Seg Eżek iktar kmieni dan ix-xahar fejn kulħadd kien ikkupjat għal informazzjoni tiegħi, fejn residenti ta' Triq is-Sienja talbu li jingħata l-konkos fil-biċċa privata li tagħti għal area tal-garaxxijiet dan la darba jingħata t-tarmac lill-istess triq mill-gvern ċentrali hekk kif kien ġie kkonfermat saħansitra anka fuq l-aħbarijiet lokali aktar kmieni fis-sena 2019. Il-Kunsill mexxa din il-petizzjoni mal-awtoritajiet ikkonċernati fuq dan is-suġġett għal kunsiderazzjoni tagħhom dan minħabba l-fatt illi x-xogħol li ser isir f'din it-triq ma' jaqax taħt ir-responsabbilta' tal-Kunsill dirett.

## 5.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

A Il-Vici Sindku- Is-Sur Chris Bruno

1 Is-Sur Christopher Bruno issuġġerixxa li tintbgħat email lil Transport Malta b'dan is-suġġeriment ta' hawn taħt:

Jitweħħlu 'alternating traffic lights' in-naħa taċ-ċimiterju u n-naħa tal-ħanut tal-laħam li hemm fiż-żona biex tingħata għajnuna lit-traffiku 2 way li jgħaddi minn din it-triq minħabba li l-akwata hija dejqa speċjalment meta tiġi biex tgħaddi l-

karozza tal-linja. Fuq nota ohra din l-istess Sistema ġiet introdotta milux din is-sena n-naħa ta' Buġibba.

5.4B Il-Kunsillier – Is-Sur Paul Bongailas

1 Is-Sur Paul Bongailas informa l-Kunsill illi l-kwistjoni tal-kont pendenti mal-arms ġiet diskussa mill-board u minn informazzjoni li kiseb minħabba li hu uffiċċjal fi ħdan din l-awtorita' parti mill-kont ser jitħallas mill-arms u parti oħra li tammonta għal 1489.25 irid jitħallas mill-Kunsill . Dan l-ammont jinkludi l-kera tal-meter tal-ilma li jmur lura mis-sena 2000 sa 2019 qabel ma jkun jista' jitneħħa l-istess arloġġ. Din il-kwistjoni ser tkun qed tintbgħat formalment lill-Kunsill b'ittra ffirmata minn l-arms authority.

5.4C Il-Kunsillier – Is-Sinjur Vince Bongailas

1 Is-Sur Bongailas xtaq illi tintbgħat email formali lin-nies responsabbli mill-ħadid li inqala' biex isir il-ħajt quddiem Esplora ġewwa Triq Marina.

Is-Seg Eżek ikkonfermat illi l-ħadid kien tweħħel infatti l-ħaddiema stess li huma responsabbli batulha email ta' konferma. Ser tkun qed terġa' tgħaddi mis-sit biex tara hi stess jekk hemm xi biċċa mill-istess railing nieqes.

2 Is-Sur Vince Bongailas issuġġerixxa li t-telephone box li hemm ix-Xatt man-naħa tal-ħwienet tiġi rranġata. Iġifieri tinżebaħ mill-ġdid u jinbidel il-ħġieġ li hemm imkisser. Fl-istess waqt is-Sur Pawlu Bongailas issuġġerixxa u l-kumplament qabel unanimament illi din it-telephone box apparti li tittranġa viżwalment, għandha tiġi bħala librerija zgħira. Kunċett innovattiv li dieħel bilmod f'ċertu lokalitajiet għal benefiċċju tar-residenti u pubbliku li jżuru fil-lokal.

3. Is-Sur Vince Bongailas saħaq illi hemm bżonn isiru rapport kemm il-pulizija kif ukoll il-wardens biex jieħdu ħsieb ineħħu trakkijiet kbar li qiegħedin jieħdu aktar minn parkeġġ wieħed ta' karozza normali fl-inħawi tal-iskola. Is-Sur Bongailas ukoll wera ritratti ċari ta' dawn it-trakkijiet li qed jitħallew fil-lokal għal konvenjenza ta' min qed jużahom.

Is-Seg Eżek ikkonfermat illi kienet diġa' bagħtet rapport lill-awtoritajiet u kienet ser terġa' tibgħat email ta' tfakkira biex dawn jiġu mneħħija la darba m'humiex qedin skond il-ligi.

## 5.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

5.5.1 Il-pagamenti kollha innutati fuq l-iskeda ta' pagamenti 5.19 ippreżentata mis-Seg.Eżek. ġew approvati unanimament mill-Kunsilliera waqt din is-Seduta.

## 5.6 Mozzjonijiet

Ma kienx hemm

## 5.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

5.7.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata unanimament mill-Kunsilliera għal nhar it-Tlieta 25 ta' Ġunju 2019 fil 4:00 p.m. u spiċċat fill-5:30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum il-Hamis 25 ta' Mejju 2019

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Speranza Chircop<br>Sindku | Elaine Caruana<br>Segretarju Eżekuttiv |